**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 293/2023 AGV ;**

**Av. Rodianne Sciberras Id. 376688M bhala mandatarja ta' AV (Dok A) u AVB.**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors kongunt tal-partijiet, datat 22 ta' Mejju 2023,**

<u>Jesponu bir-rispett:</u>

1. Illi il-partijiet izzewgu fil-hdax ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (11/10/2015) (Ara Dok B anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi qabel iz-zwieg, ossia fit-tlieta u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (23/09/2015) il-partijiet kienu ressqu fuq kuntratt in atti tan-Nutar Sarah Scerri permezz ta' liema eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bhala regim matrimonjali (Dok C);

3. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom *de facto* separati minn Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi iz-zewg partijiet huma indipendenti minn xulxin, fis-sens illi ghandhom l-impjieg taghhom u allura m'humiex jezigu manteniment minghand xulxin;

6. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

7. Illi finalment, ir-rikorrenti qeghdin jiddikjaraw illi m'ghamlux talba ghal separazzjoni ai termini ta' Titolu I Subtitolu III;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Dirertur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 11 ta' Ottubru 2015.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**